*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 59/2023 it-Tmien Leġislatura

Data: It-Tnejn, 5 ta' Ġunju 2023

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**59. 1 Ittri ta' Apoloġija**

59.1.1Is-Sindku semma li s-Sa. Anabelle Marmara u s-Sur Dalli ma nfurmax li ma kienux ser jattendu g]aldaqstant kellhom jitniżlu assenti. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Debattista, il-Kunsill qabel li dawn il-Kunsilliera għandhom jitniżlu bħala assenti mil-laqgħa.

**59.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.57**

59.2.1 Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 57 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv preċidenti. Wara li nqraw il-minuti mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku talab għall-approvazzjoni ta' dawn il-minuti. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella Zammit, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**59.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa b' Urġenza Nu.58**

59.2.1 Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 58 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv preċidenti. Wara li nqraw il-minuti mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku talab għall-approvazzjoni ta' dawn il-minuti. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**59.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 48**

59.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Thomas Debattista u s-Sur Christian Pace ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-8 ta' Mejju 2023 u l-5 ta' Ġunju 2023 li kienet tammonta għal €39,130.09.

**59.4 Komunikazzjoni oħra mill-Sindku**

**59.4.1 Segretarju Eżekuttiv – Kunsill Lokali Tarxien**

Is-Sindku semma li s-Segretarju Eżekuttiv preċidenti telqet mill-Kunsill Lokali Tarxien nhar l-1 ta' Ġunju 2023. Is-Sindku semma li mill-ewwel bdiet taġixxi d-Deputat Segretarju Eżekuttiv biss pero semma li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill għadu mhux vakant peress li s-Segretarju Eżekuttiv ma tatx ir-riżenja tagħha. Għaldaqstant, semma li teknikament il-Kunsill ma jistax jitlob lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex joħroġ sejħa għal dan il-post il-vakant.
Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill m'huwiex ser iħallas l-ebda salarju tas-Segretarja għaliex din marret taħdem mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u s-salarju ser joħroġ mid-Diviżjoni stess.
Is-Sindku xtaq jagħmilha ċara li fl-aħħar laqgħat li saru tal-Kunsill il-ftehim mas-Segretarju Eżekuttiv dejjem kienu li s-Segretarju ser ikun qed jippreżenta r-reżenja tiegħu lill-Kunsill Lokali.
Is-Sur Neil Portelli semma li l-Kunsill ma jistax jinżamm ostaġġ minħabba dan kollu, għaldaqstant huwa ppropona li jekk l-ex Segretarju Eżekuttiv ma tippreżentax ir-reżenja l-Kunsill għandu jiltaqa' sabiex jagħddi vot ta' sfiduċja.

**59.4.2 Konsultazzjoni mal-għaqdiet tal-armar – Proġett tal-Pjazza**

Is-Sindku semma li għaddejjin diversi laqgħat ma' Infrastruttura Malta sabiex ikun jista' jibda jiġi implimentat il-proġett tal-Pjazza. Semma li kienet saret ukoll konsultazzjoni mal-każini tal-baned u kif ukoll ma' dawk involuti fl-armar tal-festi sabiex toqob tal-arbli kif ukoll il-pożizzjoni tal-pjanċir waqt il-festa jkunu skedati fil-pjanta ħalli ma jsirux toqob addizzjonali biex jakkomodaw l-armar wara li l-pjazza tkun tlestiet.

**59.4.3 Dawl Dekorattiv - Proġett tal-Pjazza**

Is-Sindku semma li wara laqgħa fuq is-sit ma' espert li qed jaħdem fuq l-estetika tal-pjazza mill-att ta' dawl kien issuġġerit li jsir dawl li jagħti għal fuq il-faċċata tal-knisja. Is-Sindku semma li ser ikun qed jippreżenta ritratti fil-laqgħa li jmiss ta' fanali dekorattivi li l-espert qed jipproponi li jintużaw f' dan il-proġett.
Is-Sindku propona li dan id-dawl dekorattiv jibqa' niżel matul it-triq Paola Road Tarxien. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella Zammit, il-Kunsill qabel li dan id-dawl jeħel sa fejn propost mis-Sindku.

**59.4.4 Skema għall-Manutenzjoni ta' Proġetti Kapitali ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali**

Is-Sindku semma li ser jara jistax japplika għal din l-iskema maħruġa mid-Diviżjoni sabiex issir manutenzjoni fit Triq Kurunell Mass. Is-Sindku semma li jrid jiċċekkja xi teknikalitajiet tal-iskema mal-Perit.

**59.4.5 Rapport Finanzjarju l-Ewwel Kwart tas-Sena 2023**

Is-Sindku semma li fl-ewwel ftit jiem tal-ħidma tagħha d-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet għall-kopji tar-rapporti Finanzjarji sabiex tifhem aħjar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-

Kunsill kif ukoll tara x' allokazzjoni ta' fondi hemm għall-proġetti ppjanati.
Is-Sindku semma li mad-daqqa t' għajn lejn ir-rapporti s-Segretarju staqsa lis-Sindku jekk jafx li l-Kunsill kien għalaq l-ewwel kwart tas-sena finanzjarja b' deficit ta' ftit inqas minn €20,000. Is-Sindku informa li huwa ma kienx infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li l-ewwel tliet xhur tas-sena kien ser jgħlaqhom b' deficit. Il-Kunsilliera preżenti kkonfermaw ukoll li lanqas huma ma kienu konxji b' dan id-deficit.
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet ser tagħmel laqgħa mal-accountants sabiex tifhem aħjar x' hemm wara l-figuri dan għaliex l-overview tar-rapport finanzjarju ma kinitx mimlija bl-ispjega tal-figuri.

**59.4.6 Laqgħa mal-ħaddiema**

Il-President semma li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li jkun hemm laqgħa mal-ħaddiema tal-Kunsill fil-preżenza tal-Kunsilliera li xtaqu jattendu. Għaldaqstant, kien hemm qbil li din il-laqgħa ssir nhar 13 ta' Ġunju 2023 fil-17:30 ġewwa l-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**59.4.7 Ħaddiema CWSF**

Is-Sindku semma li kien avviċinat mill-iskema CWSF sabiex il-Kunsill jibbenifika u jingħata ħaddiema oħra klerikali li tgħin fix-xogħol tal-customer care. Is-Sindku spjega li din il-Kunsill tiswih biss madwar €400 fis-sena peress li s-salarju jiġi imħallas mill-iskema stess. Is-Sindku semma li jekk ikun hemm qbil isejjaħ għal din il-persuna sabiex issirilha intervist qasira u tkun tista' tibda b' mod immedjat anki minħabba li l-Kunsill qed jopera b' inqas staff milli suppost kif ukoll waħda mill-ħaddiema qed tistenna li tkun assenti mix-xogħol minħabba ċirkustanzi relatati mas-saħħa.
Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Thomas Debattista, il-Kunsill approva li jimxi kif propost.

**59.4.8 Proġett restawr tal-Faċċata**

Is-Sindku semma li kien ġie ffirmat il-ftehim mad-Dipartiment tar-Restawr wara li l-Kunsill kien magħżul sabiex jibbenifika minn skema tar-restawr u jkun jista' jirrestawra l-faċċata tal-kappella ta' San Ġużepp.
Is-Sindku spjega li ser ikun qed jagħmel laqgħa mal-partijiet kollha sabiex is-sorjiet ta' Our Immaculate Conception li huma wkoll kemm is-sidien ta' dan il-post kif ukoll il-benefiċjarji ta' dan il-proġett jieħdu u jassumu r-responsabbilita' tal-pjan ta' manutezzjoni li jrid isir fuq minimu ta' għaxar snin minn wara li jitlesta l-proġett.
Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella Zammit kien hemm qbil li wieħed jipproċedi kif propost.

**59.4.9 Kuntrattur – Bulky Refuse**

Is-Sindku semma li min-nhar l-1 ta' Ġunju 2023 beda l-kuntrattur il-ġdid tal-Bulky.
Is-Sindku semma li wara laqgħa li kien hemm miegħu flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv inġibdet l-attenzzjoni li s-sejħa kienet miktuba mhux kif xtaq il-Kunsill. Dan minħabba li s-sejħa kienet tindika li ser jinġabar mit-Tnejn sal-Ħamis skart klassifikat bħala WEEE u l-Ġimgħa u s-Sibt Bulky. Dan ifisser li s-sejħa ġiet ingħtat imma ser tkun possibbli sabiex il-Kunsill

| | |
|---|---|
| | iħaddem dan il-kuntratt. Is-Sindku semma li ltaqa' mal-kuntrattur diġa u ddiskuta din il-probelma miegħu. Is-Sindku semma li ser jiddiskutu din il-problema aktar fid-dettal. |
| **59.4.10 Skema – Clean Up** | Il-Sindku semma li ser tkun qed tiġi sottomessa mill-Kunsill l-applikazzjoni għall-iskema tal-Clean Up maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Semma li ser jimxi fuq il-mudell tal-inizjattiva li l-Kunsill ħa s-sena l-oħra fejn sar Clean Up u ħasil ta' toroq matul ix-xhar sħiħ ta' Settembru.<br>Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Thomas Debattista, l-Kunsill qabel li l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa. |
| **59.4.11 Aċċess għall-kontijiet tal-Bank tal-Kunsill** | Il-Sindku semma li kien beda l-proċess sabiex is-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikun jista' jidaħħal firmatarju tal-kontijiet tal-bank tal-Kunsill. |

**59.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

59.5.1 Is-Sur Christian Pace propona li issa li beda s-sajf issir laqgħa għall-cat feeder skollha tal-lokal. Semma li b' koordinament anki mal-Kunsilliera responsabbli mill-ħarsien tal-annimal, il-Kunsill għandu jlaqqa' l-cat feeders kollha sabiex b' mod tekniku jkun spjegat lijlhom l-importanza li wet food li jingħata lill-qtates u ma jiekluhx ikun jista' jitnaddaf minnufih sabiex jitnaqqas ir-riskju li jiġu l-hornets.

59.5.2 Is-Sur Christian Pace semma li l-Kunsill għandu jara li jipparteċipa wkoll fil-proġett ta' kontroll tal-ħamiem imnidi mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex jibbenefikaw minnu bħala Kunsill u jimmitigaw il-problema tal-ħamiem.

59.5.3 Is-Sa. Darlene Vella Zammit proponiet sabiex il-Kunsill jiddiskuti aktar fid-dettal il-possibbilita' li ċerti toroq isiru One Way. Dan wara talba min xi residenti stess.

**59.5 Aġġornament**

59.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2023 fil-18:00 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| Joseph Abela Galea | Lianne Cassar |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |